# BIRKIRKARA U L-PESTA: 1592 – 1675

Jikteb il-Kav. Frank Borda Vassallo

Il-flaġell misħut tal-pesta laqat lill-Malta darbtejn bejn l-1592 sa l-1593 u seklu wara fl-1675. Fil-pesta ta' l-1592 il-Gran Mastru kien qabbad kummissjonanti biex jaraw kif infirxet dil-marda kerha. Min kien infettat kienu dlonk jibgħatuh Lazzarett biex jilqgħu li din il-marda tibqa tinxtered. Però insibu li peress li t-tobba ta' dak iż-żmien ma kinux ilkoll ta' l-istess fehma dwar din il-marda ma baqgħux jibgħatu lill-morda kollha f'Lazzarett. Ġara iżda li peress li sar hekk, il-pesta kompliet tinfirex u ħalliet ħafna vittmi. Il-Gran Mastru meta ra hekk, talab għajnuna minn Franza ħalli jrażżnu din il-marda.

F'Settembru tal-1593 insibu li l-marda inqerdet u nrefgħet il-kwartina li kienet teżisti. Minn din il-marda insibu li mietu 11,300, għalkemm mhux l-irħula kollha intlaqtu l-istess. Jingħadd li f'Għawdex ftit kienu dawk li kienu milquta. F'Birkirkara mietu 101 ruħ, Ħal-Qormi it-triplu, Ħ'Attard madwar disgħin ruħ mietu bil-pesta, fil-waqt li fin-Naxxar ma mietux għajr disgħa persuni.

Il-knisja ta' Santu Rokku, qaddis protettur tal-mard tal-pesta, kienet abbandunata u traskurata mill-karkariżi li qatt ma bassru li dik il-marda kiefra kellha tħalli daqshekk imwiet. Ġara li meta l-Isqof Balaguer mar f'Birkirkara biex jagħmel żjara pastorali u fost oħrajn żar il-knisja ta' Santu Rokku u ra mitluqa u traskurata, għalhekk talab li tingħalaq u pprofonaha. Ħadd ma ta' kasha.



*F'dan ir-ritratt naraw xena minn dil-marda kiefra.*

Iżda meta reġgħet feġġet il-pesta fit-18 ta' Marzu 1675 il-karkariżi talbu lill-Isqof biex jagħtihom permess ħalli jerġgħu jiftħu dik il-knisja ddedikata lil dak il-qaddis. Huma wegħdu li kienu lesti jagħmlu tajjeb għan-nefqa li kien hemm bżonn fil-knisja. L-isqof laqa' t-talba tagħhom. F'din it-tieni marda tal-pesta minn Malta kollha mietu madwar, 3,860 ruħ u Birkirkara ukoll tat sehem f'din il-marda, għax ħafna minn uliedha inħasdu bil-minġel ta' din il-marda kiefra. Meta waqfet il-pesta kien hemm radd ta' ħajr lil Alla.

Meta spiċċat din il-marda kiefra, il-karkariżi wettqu l-wegħda li kienu għamlu, dik lil jerġgħu jibnu mill-ġdid il-knisja ta' Santu Rokku, il-protettur ta' l-impestati. Din kienet mibnija fuq erbgħa ħnejjiet u b'Zuntier quddiemha.

Jingħad li l-ewwel pesta ta' l-1592 ġiet fuqna f'Mejju ta' l-istess sena minn xwieni li fuqhom kien hemm nies impestati ġejjin mill-Lvant.

Minbarra l-knisja ta' Santu Rokku, li hu mafkar ta' dik il-marda, aħna l-karkariżi għandna ċ-ċimiterju ta' l-infetti, fejn fih kienu jidfnu lill-mejtin tal-pesta. Dan il-post li qiegħed ħdejn il-knisja l-Qadima ma kienx biżżejjed biex jilqa' fih dawk l-iġsma kollha ta' mejtin. Il-lum iċ-ċimiterju m'għadux jeżisti u fuqu nbena ground tal-football.


# S. SCIBERRAS

## ELECTRICAL, PLUMBING AND IRONMONGERY STORE

**38, ST. HELEN SQUARE, B'KARA. TEL: 49 33 45**



*For all Kinds of:*

• PAINT • IRONMONGERY GOODS • ELECTRICAL & WATER FITTINGS • TOOLS • KEY CUTS

*We do repairs on Electrical Appliances for low prices.*